DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/313

tat-28 ta' Frar 2018

li temenda d-Deċiżjoni 2009/821/KE fir-rigward tal-lista ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera u l-unitajiet veterinarji fi Traces

(notifikata bid-dokument C(2018) 1149)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar veterinarju u zootekniku applikabbli għall-kummerċ intra-Kommunitarju ta' ċertu annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) u (3) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE ([2]), u b'mod partikolari t-tieni sentenza tat-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 6(4) u l-Artikolu 6(5) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/821/KE ([4]) tistabbilixxi lista ta' postijiet ta' spezzjoni fil-fruntiera approvati skont id-Direttivi 91/496/KEE u 97/78/KE. Dik il-lista hija stabbilita fl-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni.

(2) Il-Belġju informa lill-Kummissjoni li l-approvazzjoni taċ-ċentri ta' spezzjoni, Avia Partner u WFS, fl-ajruport ta' Brussel-Zaventem jenħtieġ li tiġi ristretta għal prodotti taħt ċerti temperaturi kkontrollati. Għalhekk, l-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/821/KE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(3) Wara l-proposta mid-Danimarka, l-approvazzjoni għall-post ta' spezzjoni fil-fruntiera fil-port ta' København jenħtieġ li tiġi restritta għal prodotti ppakkjati biss. Għalhekk, l-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/821/KE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(4) Il-Ġermanja infurmat lill-Kummissjoni li rtirat l-approvazzjoni għal prodotti għall-post ta' spezzjoni fil-fruntiera fl-ajruport ta' Hannover-Langenhagen. Għalhekk, l-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/821/KE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(5) L-Irlanda infurmat lill-Kummissjoni li rtirat l-approvazzjoni għall-annimali ungulati ħajjin fil-post ta' spezzjoni fil-fruntiera fl-ajruport ta' Shannon. Għalhekk, l-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/821/KE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(6) Spanja infurmat lill-Kummissjoni li ssospendiet l-approvazzjoni ta' post ta' spezzjoni fil-fruntiera fl-ajruport ta' Alicante fir-rigward ta' annimali ħajjin u ta' prodotti mhux maħsuba għall-konsum uman. Għalhekk, l-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/821/KE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(7) Wara l-proposta minn Spanja, jenħtieġ li tiżdied l-approvazzjoni ta' ċentru ta' spezzjoni ġdid imsejjaħ Alaire fil-post ta' spezzjoni fil-fruntiera fl-ajruport ta' Madrid u jenħtieġ li terġa' tiddaħħal l-approvazzjoni għaċ-ċentru ta' spezzjoni imsejjaħ Frigalsa fil-post ta' spezzjoni fil-fruntiera fil-port ta' Vigo. Għalhekk, l-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/821/KE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

([1]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.
([2]) ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56.
([3]) ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9.
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/821/KE tat-28 ta' Settembru 2009 dwar it-tfassil ta' lista approvata ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera, li tistabbilixxi ċerti regoli dwar l-ispezzjonijiet imwettqa mill-esperti veterinarji tal-Kummissjoni u tistabbilixxi l-unitajiet veterinarji fi TRACES (ĠU L 296, 12.11.2009, p. 1).

(8) L-Anness II tad-Deċiżjoni 2009/821/KE jistabbilixxi l-lista tal-unitajiet ċentrali, reġjonali u lokali fis-sistema veterinarja kompjuterizzata integrata (Traces).

(9) Wara li rċeviet informazzjoni mill-Kroazja, jenħtieġ li jsiru ċerti bidliet fil-lista ta' unitajiet lokali fit-Traces għal dak l-Istat Membru. Għalhekk id-Deċiżjoni 2009/821/KE jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

(10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2009/821/KE huma emendati skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Frar 2018.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2009/821/KE huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) fil-parti li tikkonċerna lill-Belġju, l-entrata għall-ajruport ta' Brussell-Zaventem tinbidel b'dan li ġej:

"Brussel–Zaventem Bruxelles-Zaventem	BE BRU 4	A	Flight Care 2	NHC(2)	U,E,O
			Avia Partner	HC-T(2)	
			WFS	HC-T(CH)(2)	
			Swiss Port	HC(2)"	

(b) fil-parti li tikkonċerna lid-Danimarka, l-entrata għall-port ta' København tinbidel b'dan li ġej:

"København	DK CPH 1	P		HC(1)(2), NHC-T(FR)(2), NHC-NT(2)"	

(c) fil-parti li tikkonċerna lill-Ġermanja, l-entrata għall-ajruport ta' Hannover-Langenhagen tinbidel b'dan li ġej:

"Hannover-Langenhagen	DE HAJ 4	A			O(10)"

(d) fil-parti li tikkonċerna lill-Irlanda, l-entrata għall-ajruport f'Shannon tinbidel b'dan li ġej:

"Shannon	IE SNN 4	A		HC(2), NHC(2)	E"

(e) il-parti li tikkonċerna lil Spanja hi emendata kif ġej:

(i) l-entrata għall-ajruport ta' Alicante tinbidel b'dan li ġej:

"Alicante	ES ALC 4	A		HC(2), NHC(2) (*)	O(10) (*)"

(ii) l-entrata għall-ajruport ta' Madrid timbidel b'dan li ġej:

"Madrid	ES MAD 4	A	Iberia	HC-T(FR)(2) (*), HC-NT(2) (*), NHC(2)	U,E,O
			Swissport	HC(2), NHC(2)	O
			PER4	HC-T(CH)(2)	
			WFS World Wide Flight Services	HC(2), NHC-T(CH)(2), NHC-NT	O
			Alaire	HC-T(2)"	

(iii) l-entrata għall-port ta' Vigo tinbidel b'dan li ġej:

"Vigo	ES VGO 1	P	T.C. Guixar	HC, NHC-T(FR), NHC-NT	
			Frioya	HC-T(FR)(2)(3)	
			Frigalsa	HC-T(FR)(3)	
			Pescanova	HC-T(FR)(2)(3)	
			Fandicosta (*)	HC-T(FR)(2)(3) (*)	
			Frig. Morrazo	HC-T(FR)(3)"	

(2) Fl-Anness II, fil-parti li tikkonċerna lill-Kroazja, dawn l-entrati jinbidlu b'dan li ġej:

"HR00001	BJELOVAR
HR00007	GRAD ZAGREB
HR00002	VUKOVAR
HR00003	PULA
HR00009	ŠIBENIK
HR00008	SLAVONSKI BROD
HR00004	SPLIT
HR00005	VARAŽDIN
HR00006	ZAGREB
HR00010	KARLOVAC
HR00011	SISAK
HR00012	VIROVITICA"